MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1277/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**JOSEF DEMICOLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Josef Demicoli ta' 21 sena bin Domnic u Teresa nee' Mercieca, imwieled Pieta fit-03/01/1991, residenti 158, Triq il-Vittorja, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 37591M.

Gie akkuzat talli nhar bejn il-lejl tas-17 ta' Novembru 2012 u 18 ta' Novembru 2012 gewwa l-Carribean, Hal Far:

1. F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jinsab f' sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb trieghu innifsu;

2. Hebb kontra persuna, Winston Diachono, sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

U akkuzat ukoll talli fil-18 ta' Novembru u fil-granet ta' wara f'diversi postijiet gewwa Malta:

3. Ghamel hsara lil xi persuna jew persuni, Christian Tanti u Gordon Dimech, quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li jaf li dawk il-persuni huma innocenti ghall-fatt biss li jkun akkuzati;

4. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas gieh ta' xi hadd weggghu bi kliem, gesti b'kitba jew disinji jew b'mod iehor;

U akkuzat talli fit-18 ta' Novembru 2012 ghal habta tal-09:00 gewwa l-Ghassa tal-Hamrun:

5. Denunzja lill-Pulizija Ezekuttuva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq traci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jazgura li r-reat sar;

6. Talli b'qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatti jew cirokostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna/persuni ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna/ persuni tkun tista tigi kontra is-sewwa akkuzata/i jew misjuba hatja ta' reat;

7. U akkuzat ukoll li kiser kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti diversament preseduta, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja u li jrid ikun rinkazat kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U akkuzat talli rendha ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija lihom mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru defenettivi w ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SM5 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li nkwantu ghas-seba' (7) akkuza migjuba kontra l-imputat talbu li l-Qorti tastjeni milli tordna l-konfiska tad-depositu u l-garanzija personali a favur il-Gvern ta' Malta u inoltre talbu li l-Qorti ma tordnax ir-ri-arrest tal-imputat stante li l-kawza li tirrigwarda is-seba' (7) akkuza giet deciza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 338(ff), 339(1)(d), 101(1), 252(1), 109, 110(1) u 110(2) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Josef Demicoli, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Josef Demicoli ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u hames mitt Ewro (Ewro 500) multa u tordna li

din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Josef Demicoli jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekuturi fil-Verbal tas-Seduta tallum nkwantu ghas-seba' (7) akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tastjeni milli tordna l-konfiska tad-depositu u l-garanzija personali a favur il-Gvern ta' Malta u inoltre ma tordnax ir-ri-arrest tal-imputat stante li l-kawza li tirrigwarda is-seba' (7) akkuza giet deciza.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda timponi fuq l-imputat Josef Demicoli interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Fid-dawl ta' tali interdizzjoni imposta fuq l-imputat Josef Demicoli tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Josef Demicoli l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------